**KUNSILL LOKALI ĦAL LIJA**
**36, VIDENZA, TRIQ Il-MITĦNA**
**ĦAL LIJA**
**TEL NO : 21416111**

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Lija

## ID-DISA' LEĠIŻLATURA

## Laqgħa Numru 21

Data tal-laqgħa: It-Tlieta 16 ta' Diċembru, 2025

Il-Kunsilli Lokali Ħal Lija ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu, fil-4:45 ta' filgħaxija.

### PREŻENTI:

Anthony Dalli – Sindku
Calcedonio Cini – Viċi Sindku
Lorraine Farrugia Muscia – *Minority Leader*
Diane Abela Penza – Kunsillier
Carl Betts - Kunsillier

### ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):

Ma kien hemm l-ebda membru assenti b'apoloġija

### ASSENTI:

Ma kien hemm l-ebda membru assenti

### UFFIĊJAL PREŻENTI:

Pamela Seguna – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku Anthony Dalli, ippreseda il-laqgħa.

### 21.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

21.1.1 Qari tal-ittri tal-apoloġiji ma kienx hemm.

### 21.2 Punti Imqajma, kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa Numru 20

21.2.1 Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdu l-Minuti tal-għoxrin-il laqgħa. Kopja tal-minuti ngħataw lil kull kunsillier qabel il-laqgħa.

21.2.2 Is-Sindku staqsa jekk hemmx xi korrezjoni tal-minuti, mistoqsijiet jew matters arising.

21.2.3 Fuq proposta tal-Viċi Sindku Calcedonio Cini, li kien issekondat mill-Kunsillier Lorraine Farrugia, l-minuti tal-għoxrin il-laqgħa ġew approvati unanimament.

### 21.3 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa tal-Lokalita' Nru 2

21.3.1 Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdu l-Minuti tat-tieni laqgħa. Kopja tal-minuti ngħataw lil kull kunsillier qabel il-laqgħa.

21.3.2 Is-Sindku staqsa jekk hemmx xi korrezjoni tal-minuti, mistoqsijiet jew matters arising.

21.3.3 Fuq proposta tal-Viċi Sindku Calcedonio Cini, li kien issekondat mill-Kunsillier Diane Abela Penza, l-minuti tat-tieni laqgħa tal-lokalita' ġew approvati unanimament.

### 21.4 Komunikazzjoni mis-Sindku

21.4.1 Is-Sur Dalli qal li x-xogħol fi Triq Mons. Joseph Fenech jidher li mixi għall-aħħar fażi tiegħu. Problemi jidher li m'hemmx u huwa qed jittama li t-temp jibqa jippermetti biex x-xogħol jibqa għaddej b'rimut tajjeb ħalli forsi sal-Milied ikun lest.

21.4.2 Wara is-Sindku tkellem fuq ix-xogħol li qed isir fi Triq il-Kunċizzjoni Sqaq nru 1. Huwa spjega kif bħala xogħol mixi kemxejn differenti f'dan l-isqaq u jidher li hemm xi leakage tal-ilma li qed jiskula f'kantina ta' dar fi Triq il-Kunċizzjoni. Dwar dan, rapport meħtieġa saru lil WSC però azzjoni damet wisq biex ittieħdet minn naħa ta' dan id-dipartiment. Is-Sindku kompla jgħid kif ir-residenta filfatt spiċċat kitbet bl-avukat biex ħadet risposta fejn fl-aħħar waslila messaġġ li l-ilma huwa ilma ċar mill-kanni tal-WSC. Naturalment minħabba din il-problema ta' leakage, l-perit tal-IM issospenda x-xogħlijiet tat-triq u sfortunatament ma jidhirx li x-xogħol ser jitlesta sal-aħħar tas-sena.

21.4.3 Is-Sindku qal lil Kunsilliera, li kif diġà jinsabu nfurmati, il-Kunsill ibbenifika minn 30,000 EUR biex ikun jista jitwettaq il-proġett biex isir ilquġħ mix-xemx fil-playing field u fl-open air gym ġewwa il-Ġnien Ċentru Rikreattiv fi Triq Giovanni Barbara.

21.4.4 Is-Sur Dalli kompla jinforma lil Kunsilliera kif il-Kunsill ibbenifika ukoll aktar fondi biex ikun jista jitwettaq il-proġett tal-Latrina Pubblika fil-Pjazza tal-lokalita. Mal-fondi li diġà kien akwista, taħt sejħa oħra l-Kunsill ġie ntitolat għal 88,000 EUR oħra biex jkollu f'idejh parti mill-ispejjeż biex tiġi mibnija mill-ġdid il-latrina pubblika fil-pjazza, bis-sehem ta' Cleansing Malta.

### 21.5 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera

21.5.1 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera bil-miktub ma kienx hemm.

## 21.6 Korrispondenza

21.6.1 Rapport tal-korrispondenza għal din is-seduta ma kienx hemm.

## 21.7 Preparazzjonijiet Festival taċ-Ċitru 2026

21.7.1 Is-Sindku qal kif l-amministrazzjoni mixja b'ritmu tajjeb fil-preparazzjonijiet għal festival taċ-ċitru.

21.7.2 Is-Sur Dalli spejga fuq xiex qed taħdem l-amministrazzjoni u bħalissa xi kwotazzjonijiet qed takkwista. Fost l-affarijiet huwa semma:

- It-Tinda l-kbira
- It-Train (4hrs)
- l-Istalls ta' l-MTA
- 10 umbrelel
- 100 siġġu
- 10 mwejjed
- Marketing Frame/banner
- Video u photographer
- Servizz Banda San Pio X ta' Ħal Lija
- Pulizija għal Buon Ordni u Clearance tal-Vetturi
- Community officers
- Risk assessment, Insurance u First Aiders inkluż servizz ta' Ambulanza
- Meter (Enemalta)
- Magician u entertainment equipment
- Stand (Ġmiel bl-idejn 'paint a pot')
- Full day Toilet attendant and General Cleaner (sweeper)
- 2 small tents for competition area

21.7.3 Is-Sinjura Farrugia Muscia staqsiet jekk il-Kunsill mhux ser jordna l-bnadar bħas-soltu ukoll. Is-Sindku wieġeb kif iva pero dawk dejjem ngħataw b'xejn u m'hemmx ħlas tagħhom.

21.7.4 Is-Sinjura Diane Abela Penza ssuġġeriet kif bħala entertainment għat-tfal ikun sabiħ jekk il-Kunsill jara kemm tiswa l-'Fun bus'. Din hija tal-linja converted kollha minn ġewwa bħala play area apposta. Is-Sindku wieġeb kif issa l-amministrazzjoni tagħmel kuntatt ma' din il-Kumpanija, tinġieb kwotazzjoni u nimxu minn hemm.

## 21.8 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tar-Rapport tal-Estimi Finanzjarji 2026

21.8.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet fuq il-mejda tal-Kunsill kopja tal-Estimi Finanzjarji Finali għas-sena 2026. Kopja ta' dan ir-rapport ingħata lill-Kunsilliera kollha.

21.8.2 Is-Sindku ta spjegazzjoni ta' dan ir-rapport fil-qosor.

21.8.3 Is-Sur Dalli spjega kif għas-sena 2026 il-Kunsill ser ikollu dħul ta' €369,084 li dan jikkonsisti fi €346,084 allokazzjoni mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali, €15,000 dħul estimat mill-permessi, u dħul ieħor li jammonta għal €8,000. Is-Sindku wara kompla jgħid li bħala nefqa l-Kunsill qed jestima li ser ikollu total ta' €365,766 li din tikkonsisti minn €150,681 pagi u salarji, €148,226 għall-operat u manutenzzjoni li jagħmel il-Kunsill, €38,000 spejjeż biex topera l-amministrazzjoni, u nfiq ieħor li jammonta għal €28,859. Is-Sindku qal li l-infiq ieħor huwa għoli għax fih hemm inkorporat id-depreciation, u din aktar ma l-Kunsill ikun jaħdem u jagħmel proġetti, sfortunatament b'hekk tkun għolja, din hija xi ħaġa bilfors kif jaħdem l-accounts.

21.8.4 Is-Sindku kompla jaqra l-figuri u jispjega aktar fid-dettal dan ir-rapport. Is-Sur Dalli qal li l-FSI hija estimata 147% għas-sena 2026.

21.8.5 Is-Sur Dalli qal kif bħala rapport dan huwa tajjeb però baqa xi korrezzjonijiet żgħar ta' xi figuri li għadt jridu jsir u ser jerġa jsir komunikat mal-accountant dwarhom. Is-Sindku spjega kif bħala tibdil, is-salarji u l-allowances huma kollha mingħajr il-bonus tal-gvern u din xi ħaġa li trid tiġi kkunsidrata. Bħala Operations and Maintenance, refuse collection qiegħda ħażina u trid tkun bħal l-ammont allokat fl-allokazzjoni. Is-Sindku kompla jispjega kif il-figura li hemm fl-other contractual Services m'għandix tkun hemm u anke l-figura tal-community trid tiġi rranġatha għaliex dik telat hekk minħabba l-fondi minn skemi li ġab il-Kunsill.

21.8.6 Is-Sur Dalli għalaq l-ispjegazzjoni billi qal kif ser isiru dawn l-aħħar tibdiliet żgħar mal-accountant umbgħad kopja updated tar-rapport terġa tintbgħat lil Kunsilliera.

21.8.7 Dan ir-rapport ġie approvat unanimament fuq proposta tas-Sindku Anthony Dalli li kien issekondat mill-Viċi Sindku Calcedonio Cini.

## 21.9 Diskussjoni fuq l-iskemi approvati

21.9.1 Is-Segretarju Eżekuttiv flimkien mas-Sindku ressqu fuq il-mejda lista ta' skemi li l-Kunsill ibbenifika għalihom u nfurmaw lil Kunsilliera kif huma ser jibdew jaħdem fuqhom sew mill-bidu tas-sena d-dieħla biex jitwettqu diversi proġetti ta' tisbiħ fil-lokalita. Il-Kunsill ma jixtieqx li dawn il-fondi jintilfu.

21.9.2 Il-Lista tal-iskemi msemmija kienet tikkonsisti minn:

- **SPI SCI 09-2022– Finanzjament Komunitajiet aktar b'saħħithom – finanzjament proġetti kapitali** – 28,329.43 EUR + 411.47 EUR spejjeż għall-assistenza + 15% mill-Kunsill u **SPI SCI 07-2025 – Finanzjament Komunitajiet aktar b'saħħithom** – 88,000 EUR + 15% mill-Kunsill – permezz ta' dawn iż-żewġ skemi l-Kunsill ser jagħmel manutenzjoni mill-ġdid fuq il-latrina tal-pjazza bi sħab mal-Cleansing Department. Il-Kunsill fil-bidu tas-sena li ġejja ser jipproċedi billi jagħmel appuntament mal-cleansing department u jinfurmah bil-fondi li akkwista u biex ikun hemm ftehiem bil-miktub u jibda x-xogħol imminenti.
- **SPI SCI 06-2025 – Fond ta' manutenzjoni u sostenn ta' proġetti infrastruttali maġġuri-** 30,000EUR- Fondi riservati għal implimentazzjoni ta' shading covers fuq il-play area u open ġym fil-Ġnien Ċentru Rikreattiv.
- **Fondi LESA – Tisbiħ tal-Ġnien Ċentru Rikreattiv** – 36,217 EUR + (20% mill-Kunsill). Dawn il-fondi huma riservati għal tranġar tal-pavimentar, xiri ta' 20 bank u tibdil ta' dawl.
- **Public Convenience fully automated fil-Ġnien Centru Rikreattiv – Reġjun Lvant** – 100,000 EUR.
- **Ħitan tas-sejjieħ bl-għajnuna tar-Reġjun Lvant** €15,000.

## 21.10 Tiġdid tal-Kera – Binja amministrattiva tal-Kunsill Lokali

21.10.1 Is-Sindku qal kif il-Kunsill daħal fir-raba sena jopera mill-binja amministrattiva ġewwa Triq il-Mitħna. Għalhekk il-Kunsill irid jara x'ser jagħmel. Huwa kompla jgħid kif diġà tkellem mad-Direttur Ġenerali fejn għarfu kif wara l-ispejjeż kollha li għamel il-Kunsill Lokali f'din il-binja biex ikun jista jopera kif suppost, mhux viabbli li l-Kunsill jitlaq u jfittex binja oħra, dejjem jekk jsib, għaliex irrid jerġa jagħmel ċertu proċeduri mill-ġdid biex il-binja tkun tista topera b'ċertu standards. Is-Sur Dalli kompla jgħid dan dejjem sakemm il-Kunsill ma jsibx xi propjetà tal-Gvern.

21.10.2 Is-Sid ta' din il-binja, jixtieq ikompli jikri lill-Kunsill Lokali. Is-Sur Dalli spjega kif jaf biss tgħola daqsxejn aktar il-kirja, għaliex ser ittina l-garaxx kollu jekk għadu bl-istess ħsieb.

21.10.3 Is-Sindku qal kif alissa huwa tal-opinjoni li l-Kunsill jibqa f'din il-binja u jerġa jġedded mas-Sid biex ma jerġgħux isiru ħafna spejjeż, diment li l-Kunsill m'għandux propjetà tal-gvern li jista jopera minnha. Huwa qal li jekk il-Kunsill kollu jaqbel miegħu jekk filkas jerġa jsir kuntatt mas-sid fejn jtina l-proposta tiegħu u b'din il-proposta l-Kunsill umbgħad jerġa javviċina lid-Direttur Ġenrali biex tingħata l-approvazzjoni u l-Kunsill ikun jista jmexxi mingħajr ma tinħareġ sejħa ta' akkwist oħra. Il-Kunsilliera kollha unanimament qablu ma' din id-deċiżjoni.

## 21.11 Riżenja tas-Sur Scicluna u approvazzjoni għal sejħa ġdida ta' impjieg

21.11.1 Is-Sinjura Seguna poġġiet fuq il-mejda tal-Kunsill ittra ta' riżenja mingħand l-Uffiċċjal Amministrattiv I, tas-Sur Francesco Scicluna datata 16 ta' Diċembru 2025. Huwa minn din id-data għandu 4 ġimgħat notice x'jaħdem u għalhekk talbet lill-Kunsill Lokali għall- approvazzjoni biex tinħareġ sejħa oħra ta' impjieg minnufih.

21.11.2 Wara diskussjoni li saret bejn il-membri kollha ġie deċiż li l-Kunsill jipprepara biex tinħareġ sejħa oħra għal Skrivan Klerikali, Skala 15 fuq bażi full-time (40 hours). Is-Segretarju Eżekuttiv ser tieħu ħsieb biex tapplika għal permess u ġġib l-approvazzjoni neċessarja mingħand id-Dipartiment tal-Gvern Lokali. Ser iżżomm lill-Kunsill aġġornat f'kull stadju tas-sejħa.

## 21.12 Items oħra ta’ xogħol ieħor tal-Kunsill u lmenti

21.12.1.1 <u>Konferma Finali dwar il-Monument taċ-ċitru</u>
Is-Segretarju Eżekuttiv, is-Sa Seguna reġgħat ressqet għad-diskussjoni is-suġġett dwar il-monument biċ-ċitru li kellu ħsieb jagħmel l-Kunsill Lokali nkonessjoni mal-Festival taċ-ċitru. Hija staqsiet lill-Kunsill għal konferma finali dwar jekk dan il-monument il-Kunsill għadux jixtieq li jsir jew le.

21.12.1.2 Il-Kunsilliera kollha qablu biex dan il-monument isir u kif kien miftiehem b’materjal tal-bronze. B’hekk issa l-Kunsill ser iġib il-kwotazzjoni meħtieġa u ser javviċina lid-Dipartiment għal way forward biex anke jikkonferma xi proċeduri rigward il-procurement.

21.12.2.1 <u>Approvazzjoni – Appraisal Report tas-Segretarju Eżekuttiv</u>
Is-Sa Seguna ressqet fuq il-mejda tal-Kunsill għall-approvazzjoni kopja tal-Appraisal report tagħha bħala Segretarju Eżekuttiv għal perjodu minn 1 ta’ Jannar sal- 31 ta’ Diċembru 2025.

21.12.2.2 Dan l-appraisal report ġie approvat unanimament biex tingħata full performance bonus ta’ 10% il-massimu li jista japprova l-Kunsill Lokali peress li l-kumplament (5%) irid ikun approvat mid-Dipartiment biss.

21.12.3.1 <u>Approvazzjoni – Appraisal Reports tal-Ħaddiema Klerikali</u>
Is-Sa Seguna ressqet fuq il-mejda tal-Kunsill għall-approvazzjoni kopja tal-Appraisal reports tal-ħaddiema klerikali, total ta’ tlett rapporti.

21.12.3.2 Hija infurmat lill-Kunsill li għas-sena 2025 b’kollox iridu jiġu kkunsidrati tlett (3) *appriasal reports*:

- Tas-Sinjura Dorianne Bonniċi Bondin fuq il-*performance* li hija tat fil-pożizzjoni ta’ Uffiċjal Amministrattiv II għal perjodu mill- 01 ta’ Jannar sa 31 ta’Diċembru 2025;
- Tas-Sur Francesco Scicluna fuq il-*performance* li huwa ta fil-pożizzjoni ta’ Uffiċċjal Amministrattiv I għal perjodu mill-01 ta’ Jannar sa 31 ta’ Diċembru 2025;
- Tas-Sinjura Nicolette Mallia fuq il-*performance* li hija tat fil-pożizzjoni ta’ Uffiċjal Klerikali għal perjodu mill-01 ta’ Jannar sa 31 ta’ Diċembru 2025;

21.12.3.3 Is-Sinjura Seguna tkelmet fuq dawn l-*appraisal reports* u hija pproponiet li l-ħaddiema klerikali kollha msemmija jingħataw rapport tajjeb bil-*full performance bonus* ta’ 10%, dan abbażi tal- *performance* li huma taw fil-pożizzjoni tagħhom matul is-sena 2025. L-operat tal-Kunsill kien produttiv u mexxa tajjeb ħafna. Is-Sindku kompla ma’ dak li qalet is-Sa Seguna u qabel li jingħataw il-full performance bonus.

21.12.3.4 Il-Kunsill unanimament approva dawn l-appraisal performance reports kif ġie rrakkomandat mis-Segretarju Eżekuttiv. Minkejja li dawn ir-rapporti ġew approvati l-impjegati xorta ser jingħataw il-performance bonus mal-paga ta’ Jannar 2026, kif suppost għandu jsir.

21.12.4.1 <u>Talba dwar Trasport</u>
Is-Sa Seguna poġġiet fuq il-mejda tal-Kunsill imejl mingħand persuna li hija nkarigata minn għaqda taż-żgħażagħ ġewwa Ħal Lija. Din tixtieq torganizza ħarġa għall-familja lejn l-Esplora u qed tistaqsi jekk il-Kunsill jistax ikun ta’ għajnuna bis-sussidju ta’ bus/coach waħda.

21.12.4.2 Il-Kunsill kollu approva li jingħata sussidju ta’ trasport.

21.12.5.1 <u>Proposta – Traffic counts – Triq Robert Mifsud Bonniċi</u>
Is-Sindku ressaq proposta biex isiru traffic counts fi Triq Robert Mifsud Bonniċi, dan wara li diversi residenti avviċinaw kemm lilu u anke membri oħra mill-Kunsill biex din it-triq issir one-way. Huwa tal-opinjoni li jsiru dawn il-counts ħalli jiġi determinat kemm jgħaddi traffiku qabel ma il-Kunsill jiddeċiedi li ssir one way.

21.12.5.2 Saret diskussjoni biex isiru żewġ meters, wieħed in-naħa ta’ skarpoli u ieħor in- naħa għal Vjal it-Trasfigurazzjoni fejn kien il-Kunsill qabel. Dawn għandhom isiru għal ġimgħa sħia u naturalment mhux waqt il-festi imma meta jkun hemm l-iskejjal u kulħadd jkun għax-xogħol u bir-rutina normali, kif jibda Jannar 2026 sew. Irid isir rendikont kemm tal-karozzi li jidħlu u kif ukoll tal-karozzi li joħorġu. L-amministrazzjoni ser tieħu ħsieb iġib kwotazzjoni neċessarja biex isiru dawn il-counts.

21.12.6.1 <u>Talba – Fanal ornamentali ġdid -Triq Preziosi</u>

Tressqet talba biex fi Triq Preziosi l-Kunsill iżid fanal ieħor ornamentali minħabba nuqqas ta' dawl.

21.12.6.2 Is-Sindku qal kif din it-talba diment li m'hemmx oġġezzjoni ser tiġi mgħoddija għal parir professjonali tal-electrician u jekk veru hemm bżonn jew le jiggwida lil Kunsill hu. Oġġezzjonijiet ma kienx hemm mill-Kunsilliera.

21.12.7.1 <u>Approvazzjoni ta' parti mill-pagament rigward ix-xogħol fi Triq Mons. J. Fenech</u>

Is-Sur Dalli nforma lil Kunsilliera kif jeħtieġ li jiġi approvat parti mill-pagament bil-quddiem ta' 40,000 EUR lill-Kuntrattur Dimbros LTD, rigward ix-xogħol li qed isir fi Triq Mons. J. Fenech, wara l-approvazzjoni mill-Perit tal-Kunsill. Il-Kunsilliera llkoll qablu dwar dan.

21.12.8.1 <u>Approvazzjoni – Servizz ta' Soprana Gabrielle Portelli</u>

Inkonessjoni mal-Kunċert tal-Milied (Adeste Fideles – 27.12.2025), is-Sindku qal kif il-Kunsill jeħtieġ japprova l-ħlas għal servizz ta' soprana. Bħala Soprana li tista tattendi fid-data ta' dan il-Kunċert il-Kunsill sab lil Gabrille Portelli u għas-servizz tagħha din qed titlob 200 EUR. Il-Kunsilliera llkoll approvaw din l-ispiża.

21.12.9.1 <u>Servizz għal użu kontinwu tas-Sala Parrokjali Villa Lia</u>

Is-Sindku propona li jingħata l-ammont ta' 500 EUR lill-Kappillan bħala kumpens ta' kemm il-darba silef lill-Kunsill Lokali s-Sala Parrokjali Villa Lia matul is-sena 2025. Il-Kunsilliera llkoll qablu minnufih.

## 21.13 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti u spejjeż oħra

21.13.1 Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdet l-iskeda ta' pagamenti numru 12/25 li kienet tinkludi l-ammont tal-*petty cash* ta' €28.18 għax-xahar ta' Novembru 2025.

21.13.2 L-iskeda ta' ħlasijiet imressqa (numru 12/25) kienet proposta għall-approvazzjoni mill-Kunsilliera Diane Abela Penza li kienet issekondatha mill-Kunsillier Lorraine Farrugia Muscia. Il-Kunsill unanimament approva li jsiru l-ħlasijiet kollha. Is-Segretarju Eżekuttiv fakret li peress li l-fergħa tal-HSBC ta' Ħal Balzan għalqet għal kollox, l-pagament tal-*petty cash* ser joħroġ fuq isem is-Sindku u s-Sindku umbagħad jagħti l-ammont tal-flus kontanti lis- Segretarju Eżekuttiv lura.

## 21.14 Mozzjonijiet

21.14.1 Mozzjonijiet ma kienx hemm.

## 21.15 Applikazzjonijiet tal-Awtorita tal-Ippjanar

21.15.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li skond l-aġġornamenti li tibgħat it-town planner, l-applikazzjonijiet msemmija hawn taħt, il-Kunsill ingħata suġġeriment biex jikteb ittra ta' rapreżentazzjoni dwarhom:
PA/05981/25 – 18/20/22, Triq il-Forn, Lija.
PA/07694/25 – 17, Triq Wiġi Muscat, Lija.
PA/07712/24 – Street OFF, Triq Depiro Gourgion, Lija.

21.15.2 Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat waħda waħda dwar xiex jitrattaw dawn l-applikazzjoni u staqsiet lil Kunsill kollu jekk jixtieqx jipproċedi billi jikteb lil l-Awtorita kif ġie ssuġġeriet mit-Town planner, dwar xi waħda mill-applikazzjonijiet.

21.15.3 Il-Kunsill iddeċieda li fuq bażi tas-suġġerimenti tat-town planner, tikiteb ittra ta' rappreżentazzjoni għal:
PA/07694/25 – 17, Triq Wiġi Muscat, Lija.
PA/07712/24 – Street OFF, Triq Depiro Gourgion, Lija. – Għal din ir-rapreżentazzjoni ġie deċiż li jiffirmaw l-Kunsilliera kollha.

## 21.16 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

21.16.1 Qabel ma ntemmet il-laqgħa s-Sindku staqsa lill-Kunsilliera jekk jixtiequx jagħmlu xi kummenti, suġġerimenti jew mistoqsijiet addizzjonali oħra.

21.16.2 Il-Viċi Sindku qal li avviċinah resident li jixtieq jagħti statwa tal-Madonna, bħala rigal lil Kunsill Lokali. Din hija statwa vera sabiħa, kundizzjonata u statwa ta' barra. Is-Sur Cini qed jipproponi li din l-istatwa titpoġġa fil-ġnien il-ġdid ta'

Merino, 'Ġnien il-Larinġ'. Dwar dan is-Sindku qal li l-ewwel però jrid ikun hemm l-approvazzjoni tal-periti ta' Project Green, jekk filkas jinstab post ieħor alternattiv.

21.16.3 Il-Viċi Sindku qal li avviċinah resident ieħor biex jitneħħa l-banner tal-christmas Market mill-pjazza. Is-Sindku wieġeb kif dan ser jinqala dalwaqt.

21.16.4 Il-Kunsillier Lorraine Farrugia Muscia ressqet proposta biex il-Kunsill jagħmel kors ta' first aid fuq l-annimali. Is-Sindku qal kif din mhux idea ħażina u l-amministrazzjoni għalhekk ser tkun fi kuntatt ma' Animal welfare biex tara jekk joffrux xi tip ta' korsijiet simili.

21.16.5 Is-Sinjura Abela Penza qalet kif il-fitnezz classes alissa waqfu għal festi u dan jerġgħu jibdew mit-8 ta' Jannar, 2026.

21.16.6 Is-Sinjura Abela Penza staqsiet jekk jistax jinġabar iż-żebbuġ li hemm fis-siġra ġewwa Triq Annibale Preca għax dan kollu qed jinħela u jaqa u għal muturi jista jkun ta' periklu. Is-Sindku qal kif l-unika problema hija li ssib persuna li jixtieq jiżbru u jieħdu, ser jara lil min jista jqabbad biex tinżabar fi Jannar.

21.16.7 Il-Kunsillier Diane tkellmet dwar il-kotba li kienu ngħataw mingħand in-National Literacy Agency. Hija qalet kif uffiċjal minn din l-aġenzija nfurmaha li l-kotba jistgħu jitqassmu mminenti. Hija ssuġġeriet li dawn jitpoġġew fl-open telephone box library li hemm fi Triq Sant Andrija ħdejn il-kappella, però qalet ukoll li jservi tajjeb jekk din il-librerija l-ewwel issirilha ftit manutenzjoni.

21.16.8 Il-Kunsillier Betts qal kif riċenti attenda laqgħa organizzatha mir-Reġjun Lvant mal-Aġenzija Żgħażagħ. Waqt din il-laqgħa ssemmew li ser isiru xi korsijiet/talks u wieħed mis-suġġetti li ssemma kien' money base'. Huwa espriema x-xewqa li l-Kunsill japplika appena joħorġu l-applikazzjonijiet għaliex huwa suġġett vera interessanti.

21.16.9 Is-Sindku ta update dwar l-attivita tat-tqassim tar-rigali. Huwa qal li n-numru tat-tfal li rreġistraw għal din l-attivita għadu baxx u jekk jibqa hekk qrib id-data, il-Kunsill għandu jikkunsidra jekk jikrix iż-żiemel. Huwa kompla jgħid ukoll li l-kumpanija li l-Kunsill kien qed jistenna aktar informazzjoni mingħandha dwar it-token li kien ser jingħata lit-tfal, baqgħet ma tatx stima lill-Kunsill kif suppost u anke qalet li ssa tard wisq biex it-tokens ikunu ppreparati sad-data tal-attivita.

21.16.10 Il-Ħin kien 6:20pm x'ħin intemmet is-seduta. Il-laqgħa li jmiss ser issir nhar it-Tlieta 13 ta' Jannar 2026 u kien hemm qbil b'mod unanimu biex il-laqgħa issir fil-16:30pm mill-uffiċċju tal-Kunsill Lokali.

Konfermati, illum it-Tlieta 13 ta' Jannar 2026

| | |
|---|---|
| IFFIRMAT | IFFIRMATA |
| Anthony Dalli | Pamela Seguna |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |